MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 72/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. M'Stella Attard)**
**Vs**
**John Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 t'Ottubru, 2006 u qabel din id-data, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Diane Borg u dan ai termini tal-artikoli Att XXVIII ta' 1990, Art. 3(a), 4 tal-A.L. 110/93, Art. 10 tal-A.L. 110/93.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Frar, 2010, li biha, wara li rat ir-Regolament 3(a), 4 u 10 tal-Avviz Legali 110/93, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti

tieghu u kkundannatu multa ta’ mija w sittax-il Euro (€116).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w b’hekk tillibera lill-appellant minn l-akkuza dedotta kontra tieghu

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi b’mod minn l-aktar zbaljat, b’mod u manjiera li dina l-Qorti issa ghandha l-obbligu li tissindika hija stess dak l-apprezzament tax-xhieda w tghaddi biex tillibera lill-appellant minn l-akkuza dedotta kontra tieghu.
Illi mill-provi rrizulta b’mod car li Diana Borg ma kienitx qed tahdem mal-appellant izda kienet qed tixtri minn ghandu u ghalhekk kien pjuttost sorprendenti kif l-Ewwel Qorti waslet biex issib htija fl-appellant. Illi l-appellant jikkontendi li huwa ma ghandux jinstab hati ghaliex ma kiser ebda provvediment tal-ligi li jinsab akkuzat biha.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fil-11 t’Ottubru, 2006 Carmel Polidano u Matthew Pulis, zewg spetturi tal-ETC marru l-monti B’Kara w raw lill-appellant bit-truck tieghu jbiegh il-haxix lin-nies. Mieghu kien hemm Diane Borg, illi kienet wara t-tilari sservi lin-nies bi truck LAF 179. L-appellant qalilhom li kien “full time hawker” u Diane Borg kienet qed tahdem mieghu “part time”.

Iccekjaw mad-database u rrizulta illi filwaqt l-appellant kellu impjieg regolari, Diane Borg ma kienitx regolari u kienet registrata bhala “unemployed”.

Diane Borg qalet illi dak il-hin ma kienitx qeghda sservi lin-nies izda kienet qeghda taghzel il-haxix biex tixtrih. Ma kienx veru illi qaltilhom illi kienet qed tahdem “part time” u ilha tixtri l-haxix minn ghand Baldacchino ghal dawk l-ahhar seba’ snin. Hi toqghod iz-Zurrieq u twassal lir-ragel il-monti. Kif tkun hemm tixtri l-haxix.

Id-difiza argumentat li l-prosekuzzjoni ma rrnexielix tipprova l-kaz taghha w ma gabitx l-ahjar prova, imqar persuna wahda illi kienet qed tixtri l-haxix minn ghand Diane Borg.

It-truck fih hafna tilari u huwa normali li l-klijenti jiehdu l-haxix direttament mit-truck ghalhekk intlahaq il-livell tal-probabbli f’liema kaz allura l-appellant kellu jigi liberat.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti ma taqbilx ma dak l-argument. Filwaqt illi huwa minnu illi l-prosekuzzjoni hija rakkomandata illi dejjem iggib l-ahjar prova, f’dan il-kaz hekk ghamlet bl-ispetturi ta’ l-ETC fejn huma semghu direttament l-istqarrijiet tal-appellant u ta’ Diane Borg.

Il-Qorti trid timmaggina wkoll l-atmosfera li jkun hemm fuq il-monti, b’hafna nies jigru l-hemm u l-hawn jixtru, jghajjtu u ma tantx tista’ b’mod seren taghmel investigazzjoni bhal din. Barra minn hekk, l-ispetturi ma hbewx l-identita’ taghhom u dak inhar, kif qal l-istess Carmel Polidano, kulhadd kien jaf bil-presenza taghhom, fejn allura kulhadd ikun lest bi skuza jew ohra biex jahbi xi r-regolaritajiet illi jista’ jkun qed jikkommetti dak il-hin.

Il-Qorti ma tara xejn probabbli bil-verzjoni moghtija mill-appellant u Diane Borg, aktar u aktar meta tghid illi tigi minn dik id-distanza kollha miz-Zurrieq biex tixtri l-haxix minn ghand l-appellant, dana meta z-Zurrieq huwa rahal agrikolu fil-kampanja fejn il-prodotti agrikoli huma disponibbli direttament.

Il-Qorti ssib illi l-prosekuzzjoni rrnexielha tipprova l-kaz taghha fi grad li trid il-ligi u l-ewwel decizjoni timmerita illi tkun konfermata.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament approfondiet, semghet il-provi u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-ewwel decizjoni kienet ragjonevoli u legali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------